MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014
Citazzjoni Numru. 936/2013

**TEAM TRAVEL MALTA LIMITED** (C-44820) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem "*Team Travel Malta*"

vs

**BEST REISEN TRAVEL AGENCY LIMITED** soċjeta estera reġistrata fir-Reġistru tal-Kummerċ Ungeriz taħt in-numru 0109-306049

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-1 ta' Ottubru, 2013 li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija s-soċjeta rikorrenti talbet li din il-Qorti tikkundanna lis-soċjeta imħarrka tħallasha s-somma ta' tnejn u tletin elf sitt mija u sebgħa u tmenin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmi (€32,687.29) li tirrapreżenta l-valur ta' servizzi mogħtijin mill-kumpannija attriċi bħala "handling agent" tas-soċjeta imħarrka, fuq talba tal-istess, dwar akkomodazzjoni f'lukandi, arranġamenti ta' transport u ġarr ta' passiġġieri u tħejjija ta' programmi ta' ħarġiet, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq il-valur imsemmi sal-31 ta' Lulju, 2013. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imgħaxijiet ulterjuri b'seħħ mill-1 ta' Awwissu, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat illi r-Rikors ġie debitament notifikat lis-soċjeta intimata għall-finijiet tar-Regolament Komunitarju Nru 1393/07, li naqset li tippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tas-soċjeta rikorrenti;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta rikorrenti kif dedotta fir-Rikors Maħluf, tikkundanna lis-soċjeta mħarrka tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' tnejn u tletin elf sitt mija u sebgħa u tmenin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmi (€32,687.29), rappreżentanti l-prezz ta' servizzi mogħtija u mgħaxijiet kif fuq ingħad, flimkien ma' l-ispejjeż kontra s-soċjeta intimata, u bl-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħoddu b'effett mill-1 ta' Awwissu, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------